

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — EACEA 04/2015

taħt il-programm Erasmus+

“Oqfsa tal-politika komprensiva għall-kontinwazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali”

(2015/C 31/06)

1. Obiettivi u Deskrizzjoni

L-objettiv ta' din is-Sejħa huwa li jappoġġja l-iżvilupp tal-politiki pubbliċi li jfittxu li jikkoordinaw il-forniment ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET) ta' kwalità għolja, rilevanti u aċċessibbli, u biex jiżgura żieda sinifikanti fit-tehdid ta' aktar opportunitajiet ta' taħriġ, bħala parti mill-istrateġiji tal-ħiliet komprensivi nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Is-Sejħa għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali u l-partijiet interessati kollha involuti fis-CVET, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet tal-impjegati u l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema (bħat-taħriġ provdut mis-servizz pubbliku tal-impjiegi).

Is-Sejħa attwali tindirizza lill-Awtoritajiet Nazzjonali responsabbli għall-politiki CVET f'kull pajjiż tal-programm Erasmus+, jew organizzazzjoni maħtura minnhom.

L-involvement dirett tal-Awtoritajiet Nazzjonali kompetenti (ministeru jew ekwivalenti) jiżgura li l-proġetti jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għal għarfien aħjar tal-forniment tat-taħriġ tas-CVET u l-politiki fis-seħħ. Il-proġetti għandhom juru kif l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jużaw ir-rwol tagħhom tat-tmexxija fid-definizzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-politiki tal-ħiliet nazzjonali, reġjonali jew lokali u tal-politiki tas-CVET relatati biex joħolqu l-bażi għal riforma sistemika. Kull proġett għandu jibni fuq il-prattiki f'wieħed jew aktar mill-pajjiżi tal-programm Erasmus+, biex b'hekk jibbenefika mit-trasferiment tal-għarfien u tal-esperjenza. L-involvement attiv tal-partijiet interessati nazzjonali, reġjonali jew lokali bħal sħab soċjali (organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema), fornituri tal-ETV, kumpaniji individwali u organizzazzjonijiet intermedjarji se jkun element importanti tal-kwalità tal-proposta.

2. Applikanti Eliġibbli

Is-sejħa attwali hija miftuħa għall-Awtoritajiet Nazzjonali responsabbli għas-CVET, f'kull pajjiż tal-programm Erasmus+.

Applikazzjonijiet għall-għotjiet għandhom jiġu sottomessi tal-anqas minn żewġ entitajiet minn tal-anqas żewġ pajjiżi differenti tal-programm Erasmus+.

L-applikant eliġibbli (il-koordinatur) għandu jkun Awtorità Nazzjonali jew organizzazzjoni maħtura mill-Awtorità Nazzjonali li tkun responsabbli għall-ETV, inkluż is-CVET, u tkun tinsab f'pajjiż tal-programm.

Sħab eliġibbli jistgħu jkunu ministeri u partijiet interessati oħra, bħal sħab soċjali, negozji, kmamar tal-kummerċ, fornituri tal-ETV pubbliċi jew privati, ċentri tar-riċerka, eċċ.

Meta l-applikant (il-koordinatur) huwa organizzazzjoni maħtura minn Awtorità Nazzjonali, l-Awtorità Nazzjonali li taħtru għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni jew bħala koapplikant (sieħeb sħiħ), jew bħala sieħeb assoċjat li jipparteċipa fl-implimentazzjoni fuq bażi mingħajr ħlas.

Persuni fiżiċi mhumiex eliġibbli.

Pajjiżi eliġibbli huma:

- it-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,
- pajjiżi kandidati tal-UE: dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija,
- pajjiżi potenzjalment kandidati tal-UE: l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro u s-Serbja.

3. Attivitajiet eliġibbli

L-ġhotjiet jappoġġjaw l-isforzi tal-Awtoritajiet Nazzjonali biex jipplanaw għal jew jimplementaw intervent ta' politika fis-CVET bl-għan li jiżguraw il-koerenza u r-rilevanza tal-provvista u jżidu b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim. L-attivitajiet għandhom jinvolvu l-partijiet interessati nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif ukoll jibbenefikaw mill-pariri u l-kompetenza ta' sħabhom minn wieħed jew aktar mill-pajjiżi tal-programm Erasmus+ li għandhom sfidi simili jew għandhom politiki u forniment effettiv tas-CVET.

It-tipi ta' attivitajiet li ġejjin huma eliġibbli taħt din is-Sejħa għall-proposti:

- studji ta' fattibilità, reviżjonijiet ta' regolamenti nazzjonali/reġjonali/lokali dwar is-CVET, analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji,
- pjanijiet ta' azzjoni dettaljati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika koerenti għas-CVET,
- l-organizzazzjoni ta' fora tan-negozji nazzjonali/reġjonali/lokali biex jimmobilizzaw lil min iħaddem biex jinvesti fis-CVET,
- l-organizzazzjoni u/jew il-parteċipazzjoni f'konferenzi, seminars u gruppi ta' ħidma,
- kampanji ta' sensibilizzazzjoni, azzjonijiet ta' valorizzazzjoni u disseminazzjoni; attivitajiet li jappoġġjaw is-sostenibilità tal-proġett,
- skambji ta' prattiki tajbin u/jew innovattivi bejn pajjiżi permezz ta' pereżempju żjarat ta' studju mmirati,
- attivitajiet ta' riċerka,
- ħidma preparatorja għad-disinn ta' interventi effettivi fis-CVET permezz tal-użu tal-FSE jew fondi rilevanti oħra,
- komunitajiet ta' prattika.

It-tul tal-proġetti huwa 12-il xahar jew 24 xahar. Applikazzjonijiet għal proġetti skedati li jiddekorru għal perjodu iqsar jew itwal minn dak speċifikat f'din is-Sejħa għall-proposti mhux se jiġu aċċettati.

4. Kriterji għall-ġhoti

Applikazzjonijiet eliġibbli jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Rilevanza tal-proġett (massimu ta' 40 punt — limitu minimu ta' 20 punt)
2. Kwalità tad-disinn tal-proġett u tal-implimentazzjoni (massimu ta' 20 punt — limitu minimu ta' 10 punti)
3. Kwalità tal-konsorzju tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni (massimu ta' 20 punt — limitu minimu ta' 10 punti)
4. Impatt u disseminazzjoni (massimu ta' 20 punt — limitu minimu ta' 10 punti)

Il-limitu minimu biex jitressqu l-proposti quddiem il-komitati tal-evalwazzjoni għandu jkun ta' 60 punt (minn total ta' 100 punt).

5. Baġit

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti huwa stmat għal massimu ta' EUR 4 200 000.

Kull għotja se tammonta għal bejn massimu ta' EUR 150 000 għal proġett ta' sena u massimu ta' EUR 300 000 għal proġett ta' sentejn. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (l-“Aġenzija”) mistennija li tiffinanzja madwar 15-il proposta.

L-għotja tal-UE hija limitata għal rata massima ta' kofinanzjament ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

6. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi mhux iktar tard mit-**30 ta' April 2015 12.00 nofsinhar (ħin ta' Brussell)**.

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- għandhom jiġu sottomessi esklussivament bl-użu tal-formola tal-applikazzjoni online uffiċjali korretta,
- għandhom jiġu mfassla fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

Jekk jogħġbok innota li applikazzjonijiet sottomessi online bl-użu tal-formola elettronika biss se jiġu kkunsidrati.

In-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti jwassal sabiex l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

7. Dettalji sħaħ

Dawn il-linji gwida flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus_en

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini kollha tal-linji gwida.
